# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Giovanni M. Grixti LL.M., LL.D.**

Seduta tas-7 ta' Marzu, 2016

Appell Nru: 480/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Trevor Micallef)**

**vs**

**Francis Stephen Galli**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kontra l-imsemmi Francis Spiteri Galli detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 191009(L) talli: 1) F' dawn il- Gzejjer fis- 16 ta' Frar 2014 f' xi hin bejn is- 1.00pm u l- 3.45pm minn gewwa vettura tal- ghamla BMW, numru ta' registrazzjoni GBM 532, ikkommetta serq ta' oggetti u cioe' handbag li kellu diversi oggetti fih, ghad- detriment ta' Pamela Baldacchino u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra, liema serq huwa aggravat bil-valur li ma jiskorrix €2,329.37 u bix- xorta tal-haga misruqa; 2) talli f' dawn il- Gzejjer fl- istess data u cirkostanzi rrenda ruhu recidiv ai termini tal- Artikoli 49, 50 u 289 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta wara li kien instab hati ta' reati b'diversi sentenzi moghtija

mill- Qrati ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula; 3) talli f' dawn il- Gzejjer fl- istess data, u cirkostanzi, ghamel reat iehor fil- perjodu operattiv ta' sentenza sospiza;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar is-6 ta' Novembru, 2014, fejn wara li rat l-artikoli 281, 267, 271, 49, 50, 289, 28A u 28B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni sabet lill-imputat hati u ikkundannatu ghall-piena ta' disa' (9) xhur prigunerija.

Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali, prezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar il-25 ta' Novembru, 2014, fejn talab lill-din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma dik il-parti fejn l-appellat instab hat tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu filwaqt illi tirrevoka il-parti tas-sentenza koncernanti l-piena li nghatat fil-konfornt tal-appellat u tinfliggi piena li hija fil-parametri tal-ligi relevant kif ukoll adegwata ghac-cirkostanzi tal-kaz odjern.

Rat l-atti kollha tal-process.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat.

Ikkunsidrat:

Illi dan huwa appell interpost mill-Avukat Generali wara s-sentenza hawn fuq indikata li fil-qosor jitratta dwar li l-Ewwel Qorti erogat il-piena zbaljata fil-konfront tal-appellat.

Qabel kull konsiderazzjoni ohra, izda din il-Qorti thossha fid-dover tissenjala illi minn ezami tal-atti processwali jirrizulta nuqqas ta' kontinwita' bil-mod kif ser jinghad u li dan ghandu jkun evitat fil-futur ghall-ahjar amministrazzjoni tal-

gustizzja. Fil-verbal tas-seduta tat-2 t'Ottubru 2014, liema seduta jidher li kienet ghal-iskop tal-provi tal-prosekuzzjoni, l-kawza kienet differita ghat-13 ta' Novembru 2014 fuq talba tad-difiza. Saret izda seduta fis-6 ta' Novembru 2014 bis-segwenti verbal: *Meta ssejhet il-kawza illi giet rikjamata ghal-lum 6 ta' Novembru 2014, dehret l-Ispettur Louise Calleja u l-imputat assistit minn Dr.Malcolm Mifsud. Il-Qorti ghaddiet ghas-sentenza. Kawza deciza.* Ezaminati l-atti ma hemm l-ebda att li juri r-raguni ghaliex il-kawza kienet rikjamata u wisq anqas kif mill-istadju tal-provi tal-prosekuzzjoni, almenu hekk jaghtu x'jifhem il-verbali tas-seduti precedenti ghaliex qatt ma kien dikjarat ir-raguni tad-differimenti, l-kawza kienet deciza. Fis-sentenza taghha imbaghad l-Ewwel Qorti ddikjarat hekk: *Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri f'dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi, u wara li l-imputat gie mwissi solennement minn din il-Qorti dwar il-konsegwenzi li din l-ammissjoni setghet iggib maghha.* Din l-ammissjoni ma tirrizultax verbalizzata jew b'xi mod iehor dokumentata qabel il-prolazzjoni tas-sentenza. Minkejja dan, l-appellat kien prezenti u assistit ghal-ghoti tas-sentenza u ma interpona ebda appell u ghalhekk ghandu jiftiehem illi huwa konsenzjenti ghall-fatti kollha kif dikjarati fis-sentenza appellata u din il-Qorti mhix ser tmur oltre milli tigbed l-attenzjoni tal-Ewwel Qorti illi huwa imperattiv illi tali dikjarazzjonijiet ta' htija, twissijiet lill-imputat kif ukoll ragunijiet ghaliex kawza qed tkun rikjamata ghandhom ikunu debitament registrati bhala parti mill-atti;

Kwantu ghall-mertu tal-appell, l-Avukat Generali *in primis* jargumenta illi l-Ewwel Qorti qatt ma setghet teroga piena ta' disa xhur prigunerija ghaliex dan huwa inqas mill-minimu ravvizat fil-ligi in rigward u l-Qorti ma tat ebda ragunijiet kif mitlub mill-artikolu 21 tal-Kapitolu 9 ghaliex kienet qed taghti piena anqas minn dak indikat mill-ligi. L-appellat kien imputat b'serq aggravat bil-valur li ma jeccedix Euro 2,329.37 u bix-xorta tal-haga misruqa. L-piena applikabbli skond l-

artikolu 280(1) tal-Kap 9 hija dik ravvizata fl-artikolu 279(a), igifieri prigunerija minn hames xhur sa tliet snin, li izda ma tistax tinghata fil-minimu taghha. L-artikolu 20 tal-Kap 9 imbaghad jipprovdi illi *meta l-ligi tiddisponi espressament li piena m'ghandhiex tinghata fil-minimu, il-piena li ghandha tinghata ghandu dejjem ikun fih ghall-anqas terz tad-differenza bejn il-minimu u l-massimu*. F'dan il-kaz id-differenza bejn il-massimu (36 xahar) u l-minimu (5) xhur hija ta' 31 xahar u ghalhekk l-anqas terminu ta' prigunerija imponibbli kien ta' terz ta' 31 xahar, igifieri ghaxar xhur u ghaxart ijiem. Inoltre, l-Ewwel Qorti ma jidhirx illi ghamlet referenza ghall-dak ravvizat fl-artikolu 21 tal-Kap 9, inzul taht il-minimu stabbilit mil-ligi. L-Avukat Generali ghalhekk ghandu ragun dwar dan l-ewwel aggravju;

It-tieni gravami tal-appell jitratta dwar it-tielet imputazzjoni u l-Avukat Generali jargumenta illi la darba l-appellat kien ammetta b'mod inkondizzjonat ghall-imputazzjonijet dedotti kontra tieghu, liema imputazzjonijiet kienu jakkludu dik li l-appellat ikkometta reat waqt perjodu operativ ta' sentenza sospiza, l-Ewwel Qorti naqset milli titratta mieghu billi tirrendi effettivi t-termini ta' prigunerija sospizi. L-Avukat Generali ghandu ragun dwar dan l-aggravju. Fl-ewwel lok, l-Artikolu 28B tal-Kap 9 jipprovdi illi *meta persuna tinsab hatja ta' reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija, li jkun sar matul il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza … dik il-qorti <u>ghandha</u> tordna li s-sentenza sospiza ghandha tibda issehh.* L-Ewwel Qorti naqset milli tikkonsidra dak ravvizat f'dan l-artikolu minkejja illi indikat l-istess artikolu fost l-artikoli wara s-sejbien ta' htija. Lanqas ma jidher li kienet astjeniet milli taghmel tali ordni fit-termini tal-artikolu 28B (2)(a) ghaliex is-silenzju certament ma jammontax ghal-astensjoni meta tali astensjoni tirrikjedi dikjarazzjoni ghar-raguni ghaliha. L-Avukat Generali ghalhekk qieghed jitlob lil din il-Qorti li tqieghed fis-sehh l-prigunerija imposta fuq l-appellat fis-sentenzi fejn kien kundannat ghal-terminu ta' prigunerija sospiza fit-termini tal-artikolu 28A tal-Kap 9;

Fl-appell tieghu l-Avukat Generali jindika illi fl-4 ta' Ottubru 2012 l-appellat kien ikkundannat ghal terminu ta' prigunerija ta' disa xhur sospizi ghal tlett snin. Fl-4 ta' Gunju kien ikkundannat ghal-terminu ta' xahar prigunerija sospiz ghal-sena. Issa, minkejja li l-Avukat Generali ghandu ragun ukoll anke f'dan l-aggravju, l-artikolu 28B(2)(b) jaghti s-setgha lill-Qorti li testendi t-terminu originali impost mill-Ewwel Qorti effettivament billi *tibdel l-ordni originali maghmul fis-sahha tal-artikolu 28A(1) billi minflok il-perjodu operattiv hemm specifikat taghmel perjodu li jkun jiskadi mhux aktar tard minn erba' snin mid-data tal-bdil.* Issa, din il-Qorti hasbet fit-tul dwar dan u tqis illi llum l-gurnata l-appellat gia skonta t-terminu ta' prigunerija ta'disa xhur mertu tas-sentenza appellata u dan peress illi l-appell tal-Avukat Generali ma jissospendix l-esekuzzjoni tas-sentenza bhal fil-kaz meta imputat jitlob tali sospensjoni sabiex ikun jista' jinterponi appell. Appena din il-Qorti tikkomina l-piena gusta dwar l-ewwel imputazzjoni, l-appellat gia ser ikollu jerga jkun inkarcerat u dan gia ser ikollu element punittiv fuq l-appellat. Fl-istess waqt, u ghaliex b'hekk l-appellat gia ser ikun punit ulterjorment, din il-Qorti ikkontemplat bdil fil-perjodu ta' sospensjoni emergenti mis-sentenza tal-4 t'Ottubru 2012 izda dan mhux possibbli. Dan ghaliex f'dik is-sentenza li ghaddiet in gudikat, l-appellat qatt ma seta jinghata tali piena ta' prigunerija sospiza la darba kien ukoll imputat bl-addebitu tar-recidiva. Ghal precizzjoni ukoll, ghalkemm l-Avukat Generali jirreferi ghal-kommissjoni ta' reat waqt perjodu operattiv ta' "zewg sentenzi", l-imputazzjoni titkellem biss dwar sentenza wahda minghajr ma tirreferi ghal wahda specifika. Issa fis-sentenza tal-4 ta' Gunju 2013 ma kien hemm l-ebda addebitu ta' recidiva u ghalhekk din il-Qorti ser tghaddi sabiex tirrendi effettiv dak it-terminu ta' xahar prigunerija u mhux id-disa' xhur sospizi tramite s-sentenza tal-4 ta' Ottubru, 2012.

Ezaminata l-fedina penali tal-appellat, huwa evidenti illi din hija wahda refrattarja u jidher illi ma gharafx jiehu l-varji opportunitajiet moghtija lilu mill-Qrati sabiex jirriforma ruhu. Il-Qorti tittama li l-appellat jirrikonoxxi illi s-socjeta' jehtieg li tkun protetta u li wara diversi opportunitajiet, l-uniku tama li jkun fadal hi li juza z-zmien ta' nkarcerazzjoni sabiex jirrifletti dwar il-futur tieghu;

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti qeda tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt illi tikkonfermaha fejn l-Ewwel Qorti sabitu hati tal-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu, tirrevokaha fejn ikkundannatu ghal-terminu ta' prigunerija ta' disa' xhur u minflok tikkundannah ghal-terminu ta' prigunerija ta' tnax-il xahar fuq l-ewwel imputazzjoni. Inoltre, tirrendi effettiv it-terminu ta' prigunerija ta' xahar sospiz impost bis-sahha tas-sentenza tal-4 ta' Gunju 2013 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali liema terminu ghandu jizdied mat-terminu ta' tnax-il xahar sabiex b'hekk l-appellat qed ikun kundannat ghal-total ta' terminu ta' prigunerija ta' tlettax-il xahar mil-lum. B'dan illi minn dan it-terminu ghandu jitnaqqas l-ammont ta' zmien ta' prigunerija li l-appellat gia skonta in esekuzzjoni tas-sentenza appellata.